Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 10/2014AE

**Mario Baldacchino**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Socjali**

L-Erbgha, 16 ta' Marzu, 2016.

B'rikors prezentat fid-19 ta' Mejju 2014, Mario Baldacchino (appellant) appella mid-decizjoni tal-Arbitru tal-15 ta' April 2014 li biha gie michud l-appell li kien ippropona mid-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta Socjali (appellat). L-ilment tal-appellant hu li d-decizjoni tal-Arbitru kienet bazata fuq:

i. informazzjoni zbaljata peress li l-appellant ilu b'mod interrott ghal dawn l-ahhar tmien snin, ighix fil-fond 54B, Triq Villa Caligares, Zejtun.
ii. Konkluzjonijiet ta' Spettur tad-Dipartiment tal-Frodi, li ma tirriflettix l-istat reali tal-fatti u li giet ibbazata fuq taghrif li rcieva minghand terza persuna li tghix f'wahda mill-kmamar tal-fond in kwistjoni, u li minhabba l-problemi psikjatrici giet interdetta.

L-appellat wiegeb li l-appellant kien applika ghall-ghajnuna socjali permezz ta' applikazzjoni datata 28 ta' Ottubru 1994. Minn investigazzjoni li saret, irrizulta li l-appellant ma kienx qieghed ighix fil-fond dikjarat fl-applikazzjoni izda ma' ommu fi Blokk 3, Flat 12, Binja Minzel, Gebel ta' San Martin, Zejtun. Inoltre, kien irrizulta li r-ragel jahdem ghal rasu bhala bajjad u kahhal. L-Arbitru ddecieda wara li nstemghu l-provi. M'hemmx bazi sabiex id-decizjoni tal-Arbitru tigi mhassra.

Fid-decizjoni l-Arbitru qal li:-

*"wara li semgha x-xhieda tal-appellant u dik tal-ispettur tad-Direttorat tal-Frodi, huwa tal-fehma illi l-appellant verament ma kienx qieghed jirrisjedi f'54, Flat B, Triq Vill Cagliares, Zejtun"*

u ghalhekk ghadda cahad l-appell.

Il-qorti rat l-atti.

Il-provi fl-atti huma ftit li xejn. Dawn jikkonsistu fir-rapport tal-Ispetturi tat-Taqsima tal-Frodi li gie kkonfermat bil-gurament minn wiehed mill-awturi

tieghu fis-seduta tat-8 ta' April 2014. Il-qorti tistqarr li mill-atti m'hijiex f'posizzjoni li tikkonkludi li f'dan il-kaz hemm ragunijiet li jikkonvincuha l biex tiskarta l-konkluzjoni li wasal ghaliha l-Arbitru li sema' *viva voce* lill-persuni kkoncernati. Ghalhekk kien fl-ahjar posizzjoni li jevalwa liema verzjoni kienet l-iktar kredibbli. B'dan li l-qorti tosserva li jirrizulta li meta l-Ispetturi marru fil-fond fejn suppost kien ighix l-appellant, ma sabuhx. L-ispezzjoni saret fit-8 ta' Ottubru 2012 fis-6.20 ta' filghodu. Inoltre, fir-rapport jinghad li fid-9 ta' Ottubru 2012 l-appellant kien mar l-ufficcju distrettwali taz-Zejtun u spjega:-

*"… kif minhabba li huwa jbati minn schizophrenia, il-konsulent mediku (psikjatra) tieghu tah parir sabiex iqatta' kemm jista' hafna hin barra. F'dan is-sens il-beneficcjarju zied jispjega illi normalment huwa johrog jaghmel passiggata ghal nofsinhar ghalkemm imbaghad fil-bidu ta' din l-ispjegazzjoni huwa ammetta li fil-hin illi zorna l-indirizz iddikjarat huwa kien diga' hareg".*

Il-qorti tqies xejn kredibbli l-verzjoni tal-appellant u inoltre ma ressaq l-ebda prova dwar l-allegat parir mediku li qal li nghata.

**Ghaldaqstant, tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.